- *KOLLIZZJONI-*
- *MAIN ROAD U SIDE ROAD USER -*
- *STOP SIGN -*

*- KAWZA PROSSIMA TAL-INCIDENT-.*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Marzu 2001**

**Kawza Numru: 23**
**Citazzjoni Numru: 1140/95/RCP**

**Paul Grech**

**vs**

**Natasha Pace u b'digriet tat-2 ta' Mejju 1996 George Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikurattrici Middle Sea Insurance Company Limited gie ammess jintervjeni fil-**

**kawza *in statu et terminis*.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fil-5 ta' Jannar *1995* ghal xi s-1.00 a.m., waqt li l-attur kier qed isuq minibus Nru. Y-2215 go Vjal l-Indipendenza, Mosta, din sfat involuta f'incident awtomobilistiku mal-car Peugeot Nru. L-1380 misjuqa mill-konvenuta (Dok. 1);

Illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident, l-attur garrab danni ammontanti ghal total ta' elf hames mija hamsa u sittin lira sebgha u disghin centezmu (Lm1,565.97c) skond l-anness survey report markat Dok. 2, u kif jirrizulta mill-hdax-il dokument li qed jigu annessi u markati minn Dok. 3 sa Dok. 13;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament l-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-konvenuta, interpellata biex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqghet inadempjenti;

L-istess attur talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjaraha unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;

2. tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' elf hames mija hamsa u sittin lira sebgha u disghin centezmu (Lm1565.97c) jew ammont verjuri occorrendo bl-opra ta' periti nominandi; u

3. tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija hamsa u sittin lira sebgha u disghin centezmu (Lm1565.97c) jew dik is-somma li tigi dikjarata bhala dovuta lilu in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Marzu 1995, dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 1995, u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-lum ghan-notifika tal-assikuraturi tal-konvenuta bl-odjerni proceduri, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 1995, kontra l-konvenuta li hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 14 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tal-1 ta' Dicembru 1995 u tad-19 ta' Jannar 1996.

Rat in-nota tal-attur tad-29 ta' Marzu 1996 fejn ta' ruhu b'notifikat bl-avviz tal-appuntament tal-kawza.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' April 1996.

Rat ir-rikors tal-24 ta' April 1996 ta' George Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta assikuratrici Middle Sea Insurance Company Limited u d-digriet tal-Qorti tas-26 ta' April 1996 fejn orndat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tat-12 ta' Marzu 1996 u tat-2 ta' Mejju 1996 fejn Dr J Zammit McKeon ghall-attur informa l-Qorti li hu ma jopponix ghall-intervent fil-kawza tal-Middlesea Insurance Co Ltd. Il-Qorti ghalhekk laqghet it-talba u tat-ghoxrin jum zmien lis-socjeta` ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghall-11 ta' Novembru 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-intervenut fil-kawza tal-21 ta' Mejju 1996 (fol 37) fejn gie eccepit:

1. Illi l-incident tat-trafflku li sehh gewwa l-Mosta fil-5 ta' Jannar 1995 bejn Paul Grech u Natasha Pace ma' garax tort tal-konvenuta, izda gara unikament tort u htija tal-attur billi fost ragunijiet ohra huwa kien qed isuq bi speed sperikolat f'lokalita residenzjali u fuq in-naha hazina tat-triq.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenuta l'ebda ammont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni ta' John Bonnici a fol 37 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Natasha Pace, a fol 40 tal-process, fejn eccepit:-

1. Illi l-incident tat-trafflku li sehh gewwa l-Mosta fil-5 ta' Jannar 1995 bejn Paul Grech u l-eccipjenti ma' garax tort taghha, izda gara unikament tort u htija tal-attur billi fost ragunijiet ohra huwa kien qed isuq b'speed sperikolat f'lokalita residenzjali u fuq in-naha hazina tat-triq.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenuta l'ebda amont ma' huwa dovut lill-attur in linea ta' danni.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol 40 tal-process.

Rat in-nota tal-attur tat-12 ta' Gunju 1996 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-seduti tal-11 ta' Novembru 1996, tas-16 ta' April 1997 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li jsir il-kontro-ezami tal-attur. Xehed in kontro-ezami l-attur. Il-kontro-ezami tal-attur gie sospiz u l-kawza giet differita ghas-7 ta' Novembru 1997; tas-7 ta' Novembru 1997, tal-11 ta' Marzu 1998, tas-26 ta' Ottubru 1998 fejn xehdu il-P.S. 595 Anthony Camilleri u Anita Savona; tal-5 ta' Marzu 1999 fejn xehdet in kontro-ezami Anita Savona, u xehed ukoll Nazzareno sive Rene Zammit. Dr Zammit McKeon iddikjara illi l-attur m'ghadhux provi aktar. Il-kawza giet differita ghat-12 ta' Novembru 1999 ghall-provi tal-konvenuta; u tat-12 ta' Novembru 1999.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-10 ta' Marzu 2000 fejnipprezentat xi affidavits.

Rat il-verbal tas-seduti tat-22 ta' Marzu 2000 fejn Dr. Bianchi ddikjara li fadallu biss jipproduci l-affidavit tax-xhud Paola Pandolfino u b'din ix-xhud huwa jkun ikkonkluda l-provi tieghu, u l-kawza giet differita ghall-15 ta' Mejju 2000; tal-15 ta' Mejju 2000; tat-3 ta' Ottubru 2000 fejn il-kawza bdiet tigi mismugha minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; tat-23 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Bianchi rrinunzja ghax-xhud Paola Paldonfino stante li tinsab imsiefra, u xehdet Natasha Pace. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri qablu wkoll li Independence Avenue hija *main road*. Id-difensuri trattaw il-kaz u qablu li l-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-6 ta' Marzu 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi din hija kawza dwar kollizzjoni stradali bejn l-attur li kien qed isuq Minibus Reg. No. Y - 2215 u l-konvenuta li kienet qed isuq il-karozza Peugeot Reg. No. L - 1380 go Vjal l-Indipendenza, Mosta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ghaddej fl-istess triq mid-direzzjoni tal-Belt sejjer lejn il-Mosta, mentri il-konvenuta kienet hierga minn Mill Street, li taghti ghal fuq l-istess triq. Id-data kienet il-5 ta' Jannar 1995 u il-hin kien ghall-habta tas-siegha ta' fil-ghodu u kienet ix-xita.

Illi ghalhekk id-dinamika tal-incident hija wahda cara, u tikkoncerna l-kaz klassiku ta' *"main road user"* u *"side road user"* u bla ebda dubju hija massima stabbilita li d-dritta tat-triq tispetta lill-utent tat-triq principali, li fil-kaz in kwistjoni hija bla dubju Vjal L-Indipendeza, minn fejn kien gej l-attur, u fejn fil-fatt sar is-sinistru, kif wiehed jinduna ukoll mill-istess toroq involuti, u kif sahansitra qablu id-difensuri tal-partijiet fl-ahhar seduta tat-23 ta' Jannar 2001.

Illi in fatti skond *The Highway Code* jinghad illi:-

*"Para. 91. Unless otherwise indicated, traffic on the major roads has the right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road".*

*"Para.92. At an intersection or junction of a major road and a minor road traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road".*

Illi mhux hekk biss izda minn fejn kienet hierga l-istess konvenuta hemm *traffic sign* biex min ikun hiereg min Mill Street ghal fuq Vjal l-Indipendenza jieqaf, ovvjament ghaliex ikun hiereg go *main road*.

Illi mill-provi kollha prodotti cioe` l-affidavits, xiehda, u l-iskizz m'hemmx dubju li hawn japplikaw il-principji enuncjati fis-sentenza **"Carmelo Sheridan vs Joseph Cutajar"** ( P.A. R.C.P 13 ta' Lulju 2000) fejn inghad li *"la darba kien hemm 'Stop Sign' minn fejn harget il-konvenuta hija kellha l-obbligu li tieqaf u qabel ma tohrog ghat-triq li taqsam ghad-dritt kellha tesplora sewwa t-triq. Illi kif ikkunsidrat il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza '**L-Avukat Dottor Stephen Thake noe et vs Reverendu Patri Ingnatius Paul Axisa**' (13.02.1997):*

"*L-'stop sign' hu ordni perentorju li d-driver tal-vettura assigurata mad-ditta attrici kien jehtieglu jobdi biex* <u>*minn warajh*</u> *jesplora t-traffiku li jkun hemm fuq l-arterja principali w ma jazzardax jirfes fuqha qabel ikun ghal kollox cert li seta' jaghmel dan u jtemm il-manuvra li ried jaghmel …"*.

Illi fil-kawza odjerna, l-attur qed isostni li l-konvenuta nonostante li kellha *stop sign* ma waqfitx, baqghet hierga u saret il-habta. Illi pero` l-verzjoni tal-konvenuta hija li waqfet, harset kemm fuq ix-xellug u

l-lemin, u ma rat l-ebda vettura fuq it-triq principali harget biex tmur fuq l-lemin taghha u kif qabzet nofs it-triq rat lill-attur go fiha.

Illi din il-Qorti, pero`, hija tal-fehma u konvinta li anke jekk il-konvenuta verament waqfet fuq l-*istop sign,* hija bilfors ma esploratx it-triq sew qabel ma ddecidiet li tidhol ghal fuq il-*main road*, ghaliex kieku verament ghamlet dan hija ma setghatx tonqos li tara l-utenti tal-istess triq, fosthom ovvjament lill-attur.

Illi fuq kollox kien ovvjament oneru tal-istess konvenuta li tesplora sewwa it-triq qabel ma taqsam it-triq principali, u dan peress li hija kienet qed tmur kontra l-*flow of traffic* fl-istess triq, u ghalhekk kellha l-obbligu li tara dak li kien *“in plain view”,* anke ghaliex il-vizzwali taghha ma kienet ristretta bl-ebda mod, konsiderando li Vjal l-Indipendenza, hija triq wiesgha sew u dritta, u dan anke tenut kont tal-hin bil-lejl meta sar l-istess incident.

Illi l-istess konvenuta sabiex tiskolpi ruhha mir-responsabilita’ tal-incident sostniet li l-attur kien ghaddej bi *speed* esegerat ghall-lokal residenzjali, u *di piu’* kien ghaddej ukoll *“wrong side”.*

Illi fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan l-argument tal-istess konvenuta lanqas jista’ jigi accettat, stante li fl-ewwel

lok dawn l-allegazzjonijiet taghha bl-ebda mod ma gew ippruvati, anke ghaliex jekk wiehed ihares lejn l-okkorenza redatta minn P.S. 595 Anthony Camilleri a fol. 68 tal-process, ma jirrizultax li *a tempo vergine* l-istess konvenuta ghamlet tali lment, u *di piu`* l-istess versjoni lanqas hija verosimili, tenut kont tal-fatt, li huwa ammess mill-istess konvenuta, li hija rat lill-attur biss fil-mument tal-impatt u *in the agony of the collission.* Illi dan apparti li l-konvenuta ma resqet ebda provi sabiex jikkoroboraw l-istess, meta kien l-oneru taghha li taghmel dan stante l-allegazzjoni minnha vantata.

Illi apparti dan pero' jinghad li stabbilit il-principju li din il-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzzjoni dwar r-responsabilita' tal-incident *de quo* ghandha thares lejn min kien il-*kawza prossima tal-istess incident*, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dak li ikkawza l-istess sinistru kien proprju l-hrug negligenti tal-istess konvenuta minn *side road* ghal fuq *main road*, u xejn izjed, u ghalhekk l-istess konvenuta ghandha tinzamm u qed tinstab unikament responsabbli ghall-incident *de quo.*

Illi jidher li dan kollu huwa bizzejjed sabiex iwassal ghall-konkluzzjoni ta' din il-pendenza, pero' jinghad ukoll li dwar l-allegazzjoni ta' speed da parte tal-attur, din hija ukoll inverosimili tenut kont tal-fatt li l-attur kien ghadu kemm qala' minn *stationary position* iktar

il-fuq fl-istess triq sabiex inizzel il-passiggieri, u dan huwa korroborat mill-istess passigiera Anita Savona u Nazzareno sive Rene Zammit, li ukoll ikkonfermaw li l-istess attur kien qed isuq ghad-dritt fuq in-naha ta' barra tat-triq, pero' fuq il-karreggiata tieghu, stante li mal-bankina fuq ix-xellug, kien hemm, kif dejjem ikun hemm diversi karrozzi ipparkjati.

Illi fid-dawl tal-premess, u konsistentement mal-provi prodotti jirrizulta li l-manuvra tal-konvenuta kif fuq deskritta kienet il-kawza prossima tal-incident *de quo* billi l-istess konvenuta qasmet it-triq u kisret il-*flow of traffic* minghajr ma hadet il-prekawzjonijiet necessarji sabiex tittraversa l-istess triq biss meta tkun assigurat ruhha li ma hemm ebda periklu ghall-utenti l-ohra tat-triq principali, li dejjem ghandhom dritta fuq il-karozza taghha.

Illi jinghad ukoll fl-ahhar nett li mix-xhieda prodotti ma jirrizultax li l-attur ikkontribwixxa ghall-istess incident jew li l-istess sewwieq fl-investiment tieghu tal-istess vettura kien negligenti b' mod li pogga lilu nnifsu f'*self inflicted incapacity*, anzi l-istess sewwieq baqa' konsistentement isuq fl-istess direzzjoni bi *speed* normali sakemm gie rinfaccjatt b'*sudden emergency*, u ma setghax jevita s-sinistru nonostante t-tentattivi tieghu biex jaghmel dan. **("Gasan Insurance Agency**

**Limited et vs David Guazzo" -** P.A. R.C.P 14 ta' Lulju 1999).

Illi ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u l-konvenuta qed tinzamm responsabbli ghall incident *de quo* minhabba negligenza, u traskuragini da parte taghha.

## <u>III. LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>

Illi l-attur qed isostni li soffra ammont ta' danni fis-somma ta' elf, hames mija u hamsa u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centenzmu (Lm1,565.97).

Illi tali danni jikkonsistu fis-segwenti:-

| | |
|---|---|
| Panel Beating (fol.12). | Lm200.00.0. |
| Spray Painting (fol. 12). | Lm160.00.0. |
| Spare Parts. (fol. 10). | Lm684.09.0. |
| Spare Parts. (fol.11). | Lm070.00.0. |
| Spare Parts. (fol. 11). | Lm045.00.0. |
| Spare Parts. (fol.12). | Lm022.50.0. |
| Spare Parts. (fol.10). | Lm046.00.0. |
| Spare Parts. (fol.10) | Lm061.00.0. |
| Spare Parts. (fol.10). | Lm034.78.0. |
| Total…………………………… | Lm1323.37. |

Illi mal-istess ammont irid jizdied l-ammont ta' xoghol mitluf mill-attur bhala xoghol bil-minibus ghall-ghaxar t'ijiem, kif jirrizulta mid-dokument esebit a fol.14 tal-process mahrug mill-Ghaqda tal-Mini Buses, fejn jirrizulta li l-attur tilef bl-ammont ta' Lm242.60 xoghol fi zmien ghaxar (10) t'ijiem tax-xoghol mill-5 ta' Jannar 1995 sat-18 ta' Jannar 1995.

Illi dawn id-danni sofferti jidhru li huma konformi mas-*survey* maghmul minn Francis Aveta fuq il-karozza attrici fid-29 ta' Dicembru 1994 esebit a fol. 8 tal-process, hlief ghall-ammont ta' xoghol li fiha kellha tissewwa l-karozza li huwa indikat bhala sebgha (7) granet tax-xoghol minflok ghaxra (10); pero` din iz-zieda ta' granet kemm damet tissewwa l-karozza hija wkoll ragonevoli, u *di piu'* l-ebda wahda mid-danni pretizi mill-attur ma gew ikkontestati la mill-konvenuta u lanqas mill-intervenut fil-kawza, u ghalhekk il-Qorti thoss li dan l-ammont ta' Lm242.60 ghandhu wkoll jigi mizjud mal-ammont ta' Lm1,323.37 sabiex d-danni likwidati ghandhom hekk jammontaw ghal elf, hames mija, u hamsa u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm1,565.97) kif indikat mill-istess attur fir-rendikont a fol. 9 tal-process.

Illi ghalhekk din il-Qorti tillikwida id-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elf, hames mija, u hamsa u sittin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu

(Lm1,565.97), liema ammont ghandu jithallas mill-istess konvenuta lill-attur.

## IV. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tal-intervenut fil-kawza, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku fuq riferit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;
2. Tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta' elf hames mija hamsa u sittin lira sebgha u disghin centezmu (Lm 1,565.97c) ; u

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija hamsa u sittin lira sebgha u disghin centezmu (Lm1565.97c) bhala dovuta minnha lill-attur in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kollha, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta' Marzu 1995, dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 1995, u dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tat-30 ta' Awissu 1995 ghan-notifika tal-assikuraturi tal-konvenuta bl-odjerni proceduri, u bl-

imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 1995 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta .

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Marzu, 2001**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Marzu, 2001**